MSIDA
# KUNSILL LOKALI MSIDA
Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 36/K7/2015 |
| Data: | It-Tlieta 13 ta' Ottubru 2015 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17:30 |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Kunsilliera | Sur Maurice Agius (M Agius)<br>Sur Matthew Agius (Matt Agius) 18:11<br>Sur Charles Selvaggi<br>Sur Alan Abela Wadge 19:10<br>Sur Lino Bartolo<br>Sur Emanuel Brincat<br>Sna Romina Galea |
| | Skużati | Dr. Alex Sciberras<br>(Sur Matthew Mangion - Chairman KAS) |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | | Sur Christopher Cutajar |

Is-Sindku qalet talba lil San Ġużepp fil-bidu tal-laqgħa.

Is-Sindku wriet il-kondoljanzi mas-Sur Selvaggi dwar it-telfa ta' oħtu. Saret minuta silenzju. Is-Sur Selvaggi rringrazzja lil kull min bagħat il-messaġġi ta' kondoljanzi lilu u lill-familja tiegħu.

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

1693 Minuti tas-Seduta 34/K7/2015 imtella' nhar il-25 ta' Awwissu 2015 – Is-Sindku proponiet l-approvazzjoni u s-Sur M Agius issekondaha. Il-minuti ġew approvati unanimament.

1694 Minuti tas-Seduta b'urġenza 35/K7/2015 imtella' nhar is-16 ta' Settembru 2015 Is-Sindku proponiet l-approvazzjoni u s-Sur M Agius issekondaha. Il-minuti ġew approvati unanimament.

## 2. Materji mill-Minuti

1695 Dwar il-laqgħa mas-Supretendent. Is-Sindku żammet korrispondenza mal-iSpettur u s-Supretendent dwar materji relatati mat-traffiku u l-infurzar tal-liġi. Is-Sindku qed tistenna tweġiba biex issir il-laqgħa (Ara wkoll minuta 1644).

1696 Dwar il-*pedestrian crossing* ta' ħdejn l-Għassa tal-Pulizija. Il-korrispondenza li ntalbet tintbagħat fil-laqgħa preċedenti ntbagħtet lil Transport Malta (TM). Is-Sur C Selvaggi qal li tajjeb tali korrispendenza tintbagħat f'każi bħal dawn sabiex jintbagħat sinjal li l-Kunsill qiegħed hemm għall-ġid tar-residenti (Ara wkoll minuta 1645).

1697 Is-Sur E Brincat qal li l-kuntrattur li ġie mogħti t-tender għal tisbieħ ta' Ġnien Ċensu Farrugia irid l-ewwel jiddeċiedi li jaċċetta li jkun hemm il-varjazzjonijiet li nħolqu bejn il-perjodu li fih ingħata t-tender u l-istat tal-proġett f'dan l-istadju (Ara wkoll minuta 1647).

1698 Is-Sur M Agius saqsa dwar it-tabella ta' Triq Garcin. Is-Sur E Brincat qal li TM wieġbet li ma tistax issir (Ara wkoll minuta 1648).

1699 Dwar il-*wires* mal-faċċata taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sur M Agius saqsa f'hiex wasal ix-xogħol. Is-Sur E Brincat qal li għandu jsir matul il-ġimgħa tal-laqgħa (Ara wkoll minuta 1648).

1700 Is-Sur C Selvaggi ħareġ l-idea li z-zona tal-i*skatepark* taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill suġġett għal finanzjament żejjed fl-allokazzjoni annwali. Ma kienx hemm qbil mill-bqija tal-Kunsillieri (Ara wkoll minuta 1652).

1701 Is-Sur M Agius saqsa dwar jekk sarx it-tindif bil-*powerwash* f'Misraħ San Ġużepp (Ara wkoll minuta1653). Is-Sur E Brincat wieġeb li x-xogħol sar.

1702 Fir-rigward ta' mozzjoni dwar talba ta' allokazzjoni ta' iktar fondi b'rabta mal-fatt li fl-Imsida hawn istituzzjonijiet edukattivi u sptarijiet, is-Sindku wieġbet li din kienet intbagħtet u l-korrispondenza ġiet imwieġba mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u mid-Direttut tal-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-korrispondenza intbagħtet fit-2 ta' Settembru u ġiet imwieġba li qed ikun maħsub li Kunsilli bi ħtiġijiet speċifiċi jingħataw fondi skont ħtiġijiet partikolari (Ara wkoll minuta 1654).

1703 Is-Sur M Agius qal li fejn hemm *Reserved Bay* fi Triq il-Makna tas-Serrar twaħħlu in-*No Parkings*. Ġie deċiż li tinkiteb ittra lir-resident biex jaqla' t-tabelli u anke jiġi infurmat li dik hija *communal* (Ara wkoll minuta 1658).

1704 Is-Sur C Selvaggi ċċara dikjarazzjoni li għamel dwar il-ħruġ ta' mwejjed u siġġijiet barra mill-ħwienet u qal li l-argument tiegħu kien li l-ġustizzja trid tkun ekwa u l-infurzar tal-liġi dwar l-imwejjed fuq il-bankini għandha tkun infurzata ma' kull ħanut bl-istess mod (Ara wkoll minuta 1660).

1705 Is-Sur E Brincat qal li hemm bżonn isiru laqgħat ta' tħejjija minn qabel sabiex ikun hemm kordinazzjoni fost l-għaqdiet studenteski tal-Juniour College dwar il-permessi għall-istudenti matul *freshers' week*. Is-Sindku talbet li tkun kordinata laqgħa mal-Prinċipal tal-Kulleġġ (Ara wkoll minuta 1664).

1706 Is-Sur M Agius qal li dwar il-parkeġġ ma' ġenb l-azjenda li tikri l-karozzi, AVIS, fejn ġie propost li ssir tabella 'Light Vehicles Only' innota li din l-azjenda qiegħda tagħlaq iz-zona bit-trakkijiet fejn il-monument u fejn il-klabb tal-boċċi. Is-Sur M Agius mar l-Għassa tal-Pulizija jirraporta li l-karozzi qed joħorġu *wrong way* minn fejn il-Monument f'Misraħ il-5 ta' Ottubru. PC 1258 u WPC

256 laqgħu lis-Sur M Agius fl-Għassa u talbuh jirreferi bil-każ lill-Kunsill Lokali. Is-Sur M Agius qal li din hija sitwazzjoni li l-Kunsill ma għandux jaċċetta. Is-Sur E Brincat propona li l-Kunsill jikteb lil din l-azjenda fejn din tintalab tirregolarizza ruħha bħala l-aħħar twiddiba qabel ma jittieħdu passi kontra s-soċjeta' in kwestjoni (Ara wkoll minuta 1673).

Is-Sur Matt Agius daħal fil-kamra fis-18:11.

1707 Is-Sur M Agius talab li l-Billboard tar-Rockestra jitneħħa. Għandha tinkiteb ittra lil TM biex jitneħħa. Dwar il-vann li hemm bir-reklam is-Sur E Brincat qal li l-Contract Manager mar kemm-il darba jagħmel rapport l-Għassa dwar dan il-każ (Ara 1675).

1708 Dwar ir-rampi li hemm fi Triq it-Tabib R. Naudi, Triq il-Ġdida u fi Triq M. Dandria is-Sur M Agius talab sabiex dawn jitneħħew. Is-Sur E Brincat qal li hemm bosta rampi madwar l-iMsida magħmula bl-istess mod. Is-Sur M Agius se jkun qed jippreżenta ritratti tagħhom fil-laqgħa li jmiss. Huwa spjega li dawn il-garaxxijiet jintużaw biss matul il-ħinijiet tax-xogħol. Is-Sur C Selvaggi qal li wieħed m'għandux jittollera li jsiru rampi fuq il-bankina għaliex inkella jintilef il-kontroll fuq is-sitwazzjoni. Is-Sindku qalet li dwar ir-rampi fi Triq il-Ġdida, għandha tinkitbilhom ittra. Is-Sur M Agius se jgħaddi l-indirizz in kwestjoni lill-Kunsill (Ara 1677).

1709 Dwar il-permessi tal-bankini ġodda li se jsiru, is-Sur E Brincat qal li l-permessi ta' TM inħarġu. Is-Sindku qalet li għandha tinkiteb korrispondenza biex tavża lir-residenti biex niskużaw ruħna tal-inkonvenjent qabel ma jinbdew ix-xogħlijiet (Ara 1682).

1710 Is-Sur C Selvaggi qal li dwar korsijiet 'Healthy Living', saqsa jekk hux possibbli jinkisbu finanzi sabiex isiru *first aid courses* bil-għan li l-Kunsillieri, l-iStaff u għoxrin (20) resident ikollu din l-opportunita' li jagħmel il-kors. Is-Sur Matt Agius saqsa jekk it-Training Aid Framework japplikax f'dan il-każ (Ara 1685). L-Aġent Segretarju ser jistaqsi mal-ETC dwar dan.

1711 Dwar l-ittra li jeħtieġ tintbagħat lil Manchester United Supporters' Club – Malta dwar skart li jinħareġ bil-lejl. Is-Sur M Agius talab li din tintbagħat lis-Segretarju tal-Klabb (Ara minuta 1688).

Il-laqgħa kienet sospiża bejn is-18:30 u s-18:45.

### 3. Korrispondenza

1712 Talba li saret mill-Klabb tal-Futbol biex jitpoġġew siġġijiet u mwejjed quddiem is-sede tal-klabb, li jħalli mpatt fuq żewġ parkeġġi (Ara 'DOK A' anness). Is-Sur C Selvaggi qal li l-Kunsill għandu jirrapreżenta lil kulħadd u għalhekk jeħtieġ li Kunsill jibqa' jisħaq dwar skema ta' parkeġġ residenzjali. Qal li meta jingħata permess ta' din ix-xorta, dan ikun ifisser li jinħoloq preċedent dwar il-ħwienet l-oħrajn kollha. Qal li hemm bżonn tkun ifformulata xi tip ta' *policy* biex ikun hemm regola ġenerali. Is-Sur E Brincat qal li jeħtieġ li jkun hemm deċiżjoni min-naħa tal-Kabinett dwar it-tweġiba li l-Kunsill kien ingħata fir-rigward tal-iskemi tal-parkeġġi residenzjali. Is-Sur Matt Agius qal li għandu jkun hemm korrispondenza dettaljata mgħoddija lill-Prim Ministru sabiex ikun konxju minn din is-sitwazzjoni li ma ttieħdetx azzjoni dwar l-iskemi residenzjali tal-parkeġġ. Ġie deċiż li tkun miktuba ittra lill-Prim Ministru.

Is-Sur A Abela Wedge daħal fil-kamra fis-19:10.

Is-Sur E Brincat qal li f'din il-laqgħa għandha tkun approvata t-talba tal-klabb tal-futbol. Il-*platform* għandha tkun daqs il-parking spaces u jsiru planters biex isebbħu l-akkwata. Kien hemm qbil li din it-talba tintlaqa' u jsir sotto-kumitat bil-għan li jinħolqu linji gwidi sabiex il-Kunsill jimxi magħhom f'każi ta' talbiet bħal dawn.

1713 Sabiex it-talba tal-Arjakon dwar Un/Loading bay (Annessa bħala 'DOK B') ma tintlaqgħax. Din l-azjenda għandha tagħmel permess kull meta jkun hemm bżonn.

1714 Korrispondenza numerata 1269. Is-Sur Selvaggi ġibed l-attenzjoni dwar tfigħ ta' skart f'zoni partikolari tal-iMsida. Is-Sindku qalet li għadu mhux ċar kif taħt is-sistema tal-infurzar tal-liġi, il-LESA, se jkunu msejħa l-Green Wardens. Is-Sur A Abela Wedge qal li huwa nfurmat li jista' jintalab servizz tali. Is-Sur Selvaggi qal li għandna nistaqsu għal tweġiba mil-LESA.

1715 Is-Sur C Selvaggi tkellem dwar il-konferenza stampa li saret mill-iStudenti Demokristjani Maltin (SDM) fil-5 ta' Ottubru biswit il-*Juniour College*. Qal li f'każi fejn jissemma' il-Kunsill dejjem għandha tinħareġ stqarrija għall-istampa. Qal li qed jagħmilha ċara li f'każ li l-Kunsill jissemma' fil-midja jew fil-press, jekk ma jkunx hemm tweġiba mill-Kunsill, se jkun tkun qed issir tweġiba mill-grupp tal-Kunsillieri tal-Partit Nazzjonalista. Is-Sindku qalet li l-punt magħmul mis-Sur C Selvaggi tifhmu. Qalet li l-korrispondenza ma ġietx segwita ħabba li TM baqgħet titlob informazzjoni u kien hemm tibdil fis-Segretarji tal-Kunsill. Is-Sur Matt Agius qal li kellha tinħareġ stqarrija ta' kjarifika. L-istqarrija nnifisha kienet teżonera lil Kunsill mill-ħtija, iżda fl-aħħar tar-rappurtaġġ kien il-Kunsill li ġie mħeġġeġ li jieħu azzjoni.

1716 Is-Sur Selvaggi tkellem dwar problemi fi Triq il-Ġostra. Qal li minn meta sar it-tarmak f'din it-triq kellmuh persuni li jużaw ħames proprjetajiet separati, għaliex il-bini tagħhom qiegħed jegħreq bl-ilma tax-xita. Qal li tajjeb li jkun ikkonsultat il-Perit tal-Kunsill. Is-Sur Selvaggi qal li metodi kif tista' tiġi indirizzata l-problema hija li l-kurduna tal-bankina tkun għola jew inkella jsir *gutter* li jitfa' l-ilma lejn in-nofs tat-triq. Is-Sur Matt Agius qal li jista' jikkonferma li madwar tliet (3) snin ilu dan il-każ kien ġja' tqajjem. Is-Sindku qalet li għandu jintbagħat il-Perit fuq il-post, jiltaqa' mas-Sur E Brincat u s-Sur C Selvaggi (Ara Korrispondenza numerata 1304).

## 4. Ħlasijiet

1717 Is-Sindku proponiet li l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu 26/08/2015 sa 09/10/15 (Ara 'DOK Ċ' anness) tiġi approvata. Is-Sur L Bartolo issekondaha. L-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

**5. Kumitat Amministrattiv Swatar**

Din il-materja ser tkun diskussa fis-seduta li jmiss.

**6. Komunikazzjoni minn laqgħat li saru**

Din il-materja ser tkun diskussa fis-seduta li jmiss.

**7. Proġett Kunsill Lokali Żgħażagħ**

Din il-materja ser tkun diskussa fis-seduta li jmiss.

**8. Reġjun Ċentru**

Din il-materja ser tkun diskussa fis-seduta li jmiss.

**9. Bandli**

Din il-materja ser tkun diskussa fis-seduta li jmiss.

**10. Ġbir ta' Skart Riċiklabbli**

Din il-materja ser tkun diskussa fis-seduta li jmiss.

**11. Ilmenti u talbiet lill-Kunsill**

Din il-materja ser tkun diskussa fis-seduta li jmiss.

**12. Affarijiet oħra**

1718 Is-Sur L Bartolo qal li n-negozju bl-isem 'Me 2 You Shop' qiegħed tapit fuq il-bankina li huwa ta' periklu. Għandu jintalab b'mod uffiċjali sabiex ineħħih.

1719 Is-Sur M Agius propona li ssir *yellow hedge* f'salib it-toroq bejn Triq C De Brockdorff u Triq l-Isqof Caruana. Kien hemm qbil li jsir dan sabiex ħadd ma jieqaf bil-vettura f'salib it-toroq u jżomm it-traffiku li jkun qed jiċċirkola mit-triq l-oħra.

## 13. Aġġornament

1720 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru 2015 fil-17:30.

Tmiem: 19:45 hrs

Minuti approvati llum 27 ta' Ottubru 2015

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Christopher Cutajar
Aġent Segretarju Eżekuttiv